MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Rikors Numru. 164/2011

**Anna Poque**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta u b'Digriet tas-26 ta' Settembru 2011 gie kjamat in kawza l-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat minn Anna Poque fit-23 ta' Mejju 2011, permezz ta' liema titlob li t-Tribunal jirrevedi d-decizjoni notifikata lilha b'ittra datata 29 ta' April 2011, li biha giet michuda t-talba taghha ghall-esenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi ai termini ta' l-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 2 sa' 11 tal-process;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghat-talba tar-Rikorrenti stante li in linea preliminari: (i) isem l-Awtorità intimata huwa "Awtorità ghat-Trasport f'Malta" u ghalhekk jehtieg li ssir il-korrezzjoni opportuna; u li (ii) l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta ma hijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kwistjoni u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; u fil-meritu (iii) li t-talbiet tar-Rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha, stante li d-decizjoni kontestata hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata;

Ra li b'Digriet moghti fis-26 ta' Settembru 2011 giet ordnata l-korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri fis-sens illi l-kliem "Transport Malta" jigi kancellati u sostitwiti bil-kliem "Awtorità ghat-Trasport f'Malta" u giet awtorizzata l-kjamata in kawza tal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment;

Ra r-Risposta tal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li mill-provi prodotti mill-istess Rikorrenti jirrizulta li hija ma tissodisfax il-kriterji elenkati taht l-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 2011[1] u ix-xhieda ta' Herald Bonnici, Chairman attwali ta' l-Exemptions Board, moghtija waqt is-seduta tas-6 ta' Marzu 2012[2];

Ra d-dokumenti esebiti mir-Rikorrenti permezz ta' Nota pprezentata fit-23 ta' Jannar 2012 a fol. 37 sa' 41 tal-process u ra d-dokumenti esebiti mill-Ministru kjamat in kawza permezz ta' Nota pprezentata fid-9 ta' April 2012 a fol. 48 sa' 57 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

---

[1] Fol. 33 sa' 35 tal-process.
[2] Fol. 44 sa' 47 tal-process.

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti titlob li t-Tribunal jirrevedi d-decizjoni notifikata lilha b'ittra datata 29 ta' April 2011 permezz ta' liema giet michuda t-talba taghha ghall-esenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi a tenur ta' l-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-29 ta' Marzu 2011 ir-Rikorrenti avvanzat talba sabiex tigi ezentata mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura ta' l-ghamla BMW bin-Numru ta' Registrazzjoni TR-AB 818 a tenur ta' l-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta izda, b'ittra datata 29 ta' April 2011 giet infurmata li t-talba taghha giet michuda stante li *you have not been in possession of the vehicle for 24 months prior to your declared date of transfer of residence in terms of regulation 4(1)(b) of Legal Notice 196 of 2009*[3]*.* Wara din id-decizjoni r-Rikorrenti pprezentat l-appell odjern kontra Transport Malta (illum korrettament indikata bhala l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta) u tikkontendi li hemm lok ghar-revizjoni tad-decizjoni imsemmija stante li *Malta hija parti mill-Unjoni Ewropeja, u li hija digà hallset id-dazju taghha gewwa l-Germanja*.

L-Awtorità intimata tilqa' ghat-talba tar-Rikorrenti b' zewg eccezzjonijiet ta' natura preliminari: dik li l-mod korrett kif ghandha tigi indikata huwa bhala "Awtorità ghat-Trasport f' Malta" u mhux "Transport Malta" u dik li fi kwalunkwe kaz ma hijiex il-legittimu kontradittur tar-Rikorrenti f'dawn il-proceduri stante li d-decizjoni dwar jekk tintlaqax o meno talba ghall-esenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi tittiehed mill-Ministru responsabbli mill-Finanzi u mhux minnha. Tressaq ukoll eccezzjoni fil-meritu fis-sens illi d-decizjoni appellata hija legali u gusta u timmerita konferma. L-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorità intimata giet sorvolata bid-Digriet tas-26 ta' Settembru 2011 u ghalhekk jehtieg

[3] Fol. 9 tal-process.

issa li tigi kkunsidrata t-tieni eccezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorità.

L-Awtorità intimata tibbaza t-tieni eccezzjoni preliminari taghha fuq is-segwenti sottomissjoni: *kwalunkwe decizjoni mehuda in konnessjoni mal-applikazzjoni tar-rikorrenti in kwantu jirrigwarda l-helsien tal-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni tittiehed unikament mill-Ministeru responsabbli ghall-Finanzi u dana skond ir-Regolament 10 tar-Regoli ta' l-2009 dwar Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (A.L. 196 ta' l-2009) u in oltre l-Awtorità esponenti m'ghandha ebda sehem la fil-konsiderazzjonijiet u lanqas fid-decizjonijiet ta' tali talbiet ghall-ezenzjoni*[4].

Minn ezami ta' diversi disposizzjonijiet tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regoli ta' l-2009 dwar Ezensjoni mit-Taxxa ta' Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur, kif fis-sehh fiz-zmien meta r-Rikorrenti ssottomettiet it-talba taghha ghall-esenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura minnha migjuba Malta, jirrizulta li t-tieni eccezzjoni sollevata mill-Awtorità intimata hija gustifikata u tisthoqq li tigi milqugha.

Di fatti l-Artikolu 3 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *ghandha tigi mitluba u migbura mill-Awtorità favur il-Gvern*[5]*, taxxa ta' registrazzjoni u dritt ghal licenza ta' cirkolazzjoni bir-rata jew bl-ammont specifikat f'dan l-Att fuq ir-registrazzjoni u l-licenzjar ta' – (a) kull vettura bil-mutur importata jew migjuba f'Malta, u (b) kull vettura bil-mutur manifatturata f'Malta, sakemm il-vettura bil-mutur ma tkunx soggetta ghal xi ezenzjoni taht dan l-Att jew ma tkunx diga' registrata u licenzjata f'pajjiz iehor u tingieb jew tigi impurtata temporanejament f'Malta skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 18.* L-Artikolu 19(2) ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi li jittratta dwar l-esenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi, *inter alia* jipprovdi li: *(a) Il-Ministru responsabbli ghall-finanzi jista', b'ordni u bla hsara ghal kull kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni, jezenta kull persuna mill-hlas ta' xi taxxa jew*

[4] Risposta ta' l-Awtorità intimata, fol. 13 tal-process.
[5] Sottolinear tat-Tribunal.

*parti minn taxxa jew minn xi obbligu impost taht dan l-Att*[6]. Ir-Regolamenti 4(4) u 10 tar-Regoli ta' l-2009 dwar Ezensjoni mit-Taxxa ta' Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur, kif fis-sehh fiz-zmien meta r-Rikorrenti issottomettiet it-talba taghha ghall-esenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni, fuq il-vettura taghha, kienu jipprovdu rispettivament li *applikazzjoni ghal ezenzjoni ghandha ssir mill-individwu li jkun qed jittrasferixxi r-residenza tieghu fuq dik il-formola kif specifikata mill-Awtorità mill-inqas fi zmien sebat ijiem minn meta l-vettura tasal Malta*[7] - Regolament 4(4) u li *ezenzjonijiet jew tnaqqis li jkunu nghataw taht ir-regoli 4 u 9 ghandhon jigu kkunsidrati minn Bord nominat ghal daqshekk mill-Ministru responsabbli ghall-finanzi*[8].

Minn dawn l-Artikoli tal-Ligi u Regolamenti jirrizulta li ghalkemm l-Awtorità intimata hija responsabbli biex ghan-nom tal-Gvern titlob u tigbor il-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi u li tilqa' l-applikazzjonijiet ghall-esenzjoni mill-hlas ta' l-imsemmija taxxa, l-esenzjoni *per se* tinghata mill-Ministru responsabbli mill-Finanzi u ghaldaqstant kwalunkwe appell minn tali decizjoni jrid jigi istitwit fil-konfront ta' l-imsemmi Ministru u mhux fil-konfront ta' l-Awtorità intimata. Ghal buon fini jigi osservat ukoll illi bl-ittra datata 29 ta' April 2011 mahruga mill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment[9], ir-Rikorrenti giet infurmata li *following assessment of your application, it is regretted that this Ministry*[10] *cannot accede to your request on the grounds that you have not been in possession of the vehicle for 24 months prior to your declared date of transfer of residence in terms of regulation 4(1)(b) of Legal Notice 196 of 2009.*

Ghalhekk kif gustament osservat mill-Awtorità intimata l-istess Awtorità ma hijiex il-legittimu kontradittur tar-Rikorrenti f'dawn il-proceduri u ghadaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Fid-dawl ta' din il-konkluzzjoni t-Tribunal mhux ser jidhol fl-eccezzjoni fil-

[6] Sottolinear tat-Tribunal.
[7] Sottolinear tat-Tribunal.
[8] Sottolinear tat-Tribunal.
[9] Fol. 9 tal-process.
[10] Sottolinear tat-Tribunal.

meritu sollevata mill-Awtorità intimata izda se jghaddi mill-ewwel biex jittratta l-opposizzjoni tal-Ministru kjamat in kawza t-talba tar-Rikorrenti. .

Il-Ministru kjamat in kawza jilqa' ghat-talba tar-Rikorrenti bl-eccezzjoni li t-talba taghha ma tistax tigi milqugha ghaliex mill-provi minnha lilu sottomessi jirrizulta li hi ma tissodisfax il-kriterji elenkati fl-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01.

Jigi osservat illi r-Regoli ta' l-2009 dwar Ezensjoni mit-Taxxa ta' Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur gew introdotti bl-Avviz Legali 196 ta' l-2009 u recentement gew introdotti xi emendi u gew sostitwiti xi Regolamenti, fosthom ir-Regolament 4, bl-Avviz Legali 6 ta' l-2012. Ma hemmx dubju li ghall-kaz in ezami japplikaw ir-Regolamenti kif introdotti bl-Avviz Legali 196 ta' l-2009 u ghalhekk kull meta f'din is-sentenza ssir referenza ghar-Regolament 4 kif applikabbli ghall-kaz tar-Rikorrenti tkun qed issir referenza ghar-Regolament 4 ta' l-Avviz Legali 196 ta' l-2009.

Kif già iktar 'l fuq osservat ir-Rikorrenti tikkontendi li t-talba taghha ghall-esenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura ta' l-ghamla BMW 187 bin-Numru ta' Registrazzjoni TR-AB 818 ghandha tigi milqugha ghaliex *Malta hija parti mill-Unjoni Ewropeja, u li hija digà hallset id-dazju taghha gewwa l-Germanja*. Minn ezami tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regoli ta' l-2009 dwar l-Esenzjoni mit-Taxxa ta' Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur, Avviz Legali 196 ta' l-2009, però jirrizulta li tali fatt wahdu ma huwiex sufficjenti biex persuna tigi ezentata mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi. Sabiex tali esenzjoni effettivament tigi koncessa l-applikant irid jissodisfa l-kriterji stipulati kemm fl-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll fir-Regoli imsemmi, naturalment kif applikabbli fiz-zmien tat-talba ghall-esenzjoni.

Mill-applikazzjoni tar-Rikorrenti, esebita mill-Ministru kjamat in kawza b'Nota pprezentata fid-9 ta' April 2012[11], jirrizulta li hija ssottomettiet it-talba taghha ghall-esenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi fid-29 ta' Marzu 2011. Dak iz-zmien l-Artikolu 19(3) tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 4(1) ta' l-Avviz Legali 196 ta' l-2009 kienu jipprovdu rispettivament illi: **Artikolu 19(3)** – *Ezenzjonijiet mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni u, dwar vetturi provvisti taht is-subparagrafi (ii) sa' (vii) hawn aktar 'l isfel, ukoll, mill-hlas ta' drittijiet ta' licenza ta' cirkolazzjoni jkunu applikabbli meta l-vettura bil-mutur – (i) tkun proprjetà personali ta' individwu privat u tingieb permanentement f'Malta minn dak l-individwu meta dan jittrasferixxi r-residenza tieghu minn post barra minn Malta ghal post f'Malta: Izda l-vettura trid tkun ilha registrata f'isem dik il-persuna jew f'isem il-konjugi ghal mill-inqas erbgha u ghoxrin xahar konsekuttivi fil-hin tat-trasferiment tar-residenza lejn Malta u dik il-persuna tkun ilha toqghod barra minn Malta ghal perjodu kontinwu ta' mill-inqas erbgha u ghoxrin xahar fil-hin tat-trasferiment tar-residenza lejn Malta: Izda wkoll meta vettura bil-mutur tingieb jew tigi impurtata f'Malta mhux aktar minn sitt xhur qabel il-hin tat-trasferiment tar-residenza mill-persuna li tkun qieghda tittrasferixxi r-residenza, dik il-vettura tikkwalifika ghall-esenzjoni jekk l-imsemmija vettura u l-persuna li tkun qed tittrasferixxi r-residenza taghha jissodisfaw il-kundizzjonijiet preskritti f'regolamenti li jsiru taht dan l-Att: Izda wkoll dik il-persuna ma tridx tkun inghatat esenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni fir-rigward ta' vettura bil-mutur ohra fit-tmien snin ta' qabel.* **Regolament 4(1)** – *L-esenzjoni taht is-subartikolu (3)(i) tal-artikolu 19 tal-Att tinghata lil vettura bil-mutur li tkun proprjetà personali ta' individwu privat u tkun qed tigi impurtata jew tkun qed tingieb b'mod permanenti f'Malta mill-individwu meta jkun qed jittrasferixxi r-residenza tieghu minn post barra minn Malta ghal post f'Malta: Izda – (a) dik il-persuna trid tkun ilha tghix barra minn Malta ghal perijodu kontinwu ta' aktar minn erbgha u ghoxrin xahar qabel it-trasferiment tar-residenza taghha lejn Malta; (b) <u>il-vettura bil-mutur tkun ilha fil-pussess taghha u</u>*

[11] Fol. 48 sa' 57 tal-process.

*tkun ilha tuzaha barra minn Malta ghal tal-anqas erbgha u ghoxrin xahar qabel id-data li fiha hu ma baqax ikollu r-residenza tieghu barra minn Malta*[12]*; (c) tkun registrata f'isimha jew f'isem wahda jew wiehed mill-konjugi fejn dan ikun japplika; (d) dik il-persuna jkollha licenza tas-sewqan valida; (e) il-vettura tkun trid tigi impurtata jew migjuba f'Malta fi zmien tnax-il xahar minn meta l-individwu jittrasferixxi r-residenza tieghu; (f) il-vettura ma tkunx tista' tinbiegh, tinghata lil xi hadd, tintrema, tinkera jew tigi mislufa wara li l-vettura tigi impurtata jew imdahhal f'Malta sakemm ma tithallasx fuqha t-taxxa ta' registrazzjoni relatata ma' dik l-ezenzjoni skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ewwel u t-Tieni Skeda li jinsabu ma' l-Att.*

Mix-xhieda li tat ir-Rikorrenti waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 2011[13] jirrizulta li hija kienet ilha sa' mill-1991 tghix il-Germanja, fejn kienet izzewget u stabbilit il-familja taghha. Ghalkemm kienet tghix il-Germanja hija kienet tahdem Lussemburgu u ghalhekk ghat-tragitt bejn il-Germanja u Lussemburgu kellha bzonn vettura. Originarjament hija kellha vettura ta' l-ghamla Opel Astra izda din il-vettura giet dikjarata *total loss* in segwitu ghal incident li r-Rikorrenti kellha f'xi zmien fl-2007. Fil-frattemp ir-Rikorrenti kienet iddivorzjat minn mar-ragel u baqghet hi flimkien mat-tfal taghha. Minhabba kwistjonijiet ta' finanzi meta giet biex tirrimpjazza l-vettura li kellha ghazlet li tiehu l-vettura meritu ta' dawn il-proceduri, u cioè il-vettura ta' l-ghamla BMW 187 bin-Numru ta' Registrazzjoni TR-AB 818, b'titolu ta' *leasing with the option to purchase* peress illi r-rati ghall-*leasing* kienu ferm konvenjenti ghaliha. Hija dahlet f'dan il-ftehim fil-25 ta' Frar 2009[14] u l-vettura in kwistjoni giet registrata f'isimha fis-**16 ta' Marzu 2009**[15]. Ghall-habta ta' **Dicembru 2010** ir-Rikorrenti ddecidiet li tigi tghix permanentement Malta u fit-**13 ta' Dicembru 2011** hija ghalqet sena tghix Malta. Ir-Rikorrenti bdiet it-tragitt taghha lejn Malta fil-**11 ta' Dicembru 2010**[16] u fil-fatt gabet il-vettura in kwistjoni maghha Malta. Qabel ma' telqet mill-Germanja r-Rikorrenti rregolarizzat il-posizzjoni

---

12 Sottolinear tat-Tribunal.
13 Fol. 33 sa' 35 tal-process.
14 Fol. 38 sa' 41 tal-process.
15 Fol. 4 tal-process.
16 Fol. 6 tal-process.

taghha mas-socjetà minghand min kienet hadet il-vettura b'*leasing* u filwaqt li gie tterminat dak il-ftehim ir-Rikorrenti akkwistat l-istess vettura. Ir-Rikorrenti ssottomettiet it-talba taghha ghall-esenzjoni mill-hlas ta' taxxa fuq il-vettura minnha migjuba Malta fid-**29 ta' Marzu 2011**[17].

Ghalkemm il-partijiet kontendenti ffukaw it-trattazzjoni taghhom fuq il-kwistjoni tal-*leasing* tal-vettura, fil-fehma tat-Tribunal dan il-fatt ftit li xejn ghandu rilevanza fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ghaliex: (i) fiz-zmien meta saret it-talba ghall-esenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura meritu tal-kontestazzjoni, l-istess vettura kienet di proprjetà tar-Rikorrenti; u (ii) meta r-Rikorrenti kienet ghadha tghix il-Germanja, ghad illi l-vettura kienet ghandha b'titolu ta' *leasing* l-istess vettura kienet registrata f'isimha. Ghalhekk kien x'kien it-titolu li bih ir-Rikorrenti kienet qed tiddetjeni l-vettura ma hemmx dubju li l-istess vettura kienet ilha registrata f'isimha u fil-pussess taghha sa' mis-**16 ta' Marzu 2009** u r-Regolament 4(1)(b) ta' l-Avviz Legali 196 ta' l-2009 jipprovdi dwar ir-registrazzjoni, il-pussess u l-uzu tal-vettura. Dak li jrid jigi stabbilit, ghaliex huwa proprju hawn il-qofol ta' kollox, huwa jekk il-vettura in kwistjoni kenitx ilha fil-pussess u uzu tar-Rikorrenti **ghal ta' l-inqas 24 xahar qabel id-data li fiha hi ma baqax ikollha r-residenza taghh l-Germanja**.

Waqt l-imsemmija seduta tat-28 ta' Novembru 2011 ir-Rikorrenti xehdet fost affarijiet ohra illi: *fis-16 ta' Marzu* [2009] *meta kont irregistrajt il-vettura f'ismi, jiena ma kelli l-ebda hsieb li nigi Malta u fuq domanda tat-Tribunal nikkonferma li f'dak l-istadju l-ftehim mal-BMW kien ghadu fil-leasing part tieghu ghalkemm il-vettura kienet registrata f'ismi. Il-ftehim li kelli mal-BMW jinsab fl-atti tal-kawza a fol. 5 tal-process. <u>Jiena f'Dicembru ta' l-2010 kont iddecidejt li nigi permanentement hawn Malta. Jiena ilni nghix hawn Malta kwazi sena anzi nghid li naghlaq sena fit-13 ta' Dicembru ta' din is-sena</u>[18]. Jiena s'issa d-decizjoni tieghi hija li nibqa' nghix hawn Malta. Jiena fil-fatt inzilt Malta fit-13 ta' Dicembru tas-sena l-ohra però d-*

[17] Dok. "AB1" u Dok. "AB2" a fol. 49 u 50 tal-process.
[18] Sottolinear tat-Tribunal.

*decizjoni definittiva li nibqa' hawn u nittrasferixxi r-residenza tieghi hawn hadtha f'Marzu ta' din is-sena. Il-vettura in kwistjoni tinsab Malta, u meta hadt id-decizjoni li nibqa' nghix permanentement hawn jigifieri f'Marzu ta' l-2011 applikajt ghall-ezenzjoni mit-taxxa fuq ir-registrazzjoni*.

Fil-fehma tat-Tribunal iz-zmien meta r-Rikorrenti ma baqax ikollha r-residenza taghha barra minn Malta – il-kriterju prefiss fir-Regolament 4(1)(b) ta' l-Avviz Legali 196 ta' l-2009 – kien **Dicembru 2010** ghaliex fi kliemha stess tghid *Jiena f'Dicembru ta' l-2010 kont iddecidejt li nigi permanentement hawn Malta*[19]. Di fatti fil-11 ta' Dicembru 2010 ir-Rikorrenti, flimkien ma' adult iehor u tifel/tifla, bdiet it-tragitt taghha lejn Malta u maghha kellha wkoll il-vettura meritu tal-kontestazzjoni. Minn dak iz-zmien 'l hawn ir-Rikorrenti stabbilit ir-residenza taghha f'Malta tant illi waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 2011 specifikatament iddikjarat li *Jiena ilni nghix hawn Malta kwazi sena anzi nghid li naghlaq sena fit-13 ta' Dicembru ta' din is-sena*[20].

Ghalkemm ir-Rikorrenti tghid li hadet id-decizjoni li tibqa' tghix definittivament Malta f'**Marzu 2011**, ossia fl-istess xahar li ssottomettiet it-talba taghha ghall-esenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi u konvenjentement fl-istess xahar li erbgha u ghoxrin xahar qabel kienet irregistrat il-vettura in kwistjoni f'isimha, mill-provi minnha prodotti ma hemm xejn x'juri li d-data tat-trasferiment tar-residenza taghha ghal hawn Malta kienet f'Marzu 2011 u mhux f'Dicembru 2010, kif minnha originarjament iddikjarat.

Di fatti fl-applikazzjoni ghall-esenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi minnha sottomessa fid-29 ta' Marzu 2011, ghalkemm tat id-*date of arrival in Malta – 13.12.2010* ir-Rikorrenti naqset milli taghti d-*date of taking up residence in Malta*. Jekk verament ir-Rikorrenti kienet ghadha kemm hadet id-decizjoni li tistabilixxi r-residenza taghha f'Malta ftit tal-granet qabel ma ssottomettiet dik l-applikazzjoni ma hemm ebda raguni valida ghalfejn id-

[19] Sottolinear tat-Tribunal.
[20] Sottolinear tat-Tribunal.

*date of taking up residence in Malta* kellha tithalla barra. L-unika konkluzzjoni logika li jista' jasal ghaliha t-Tribunal hi li dik id-data thalliet barra appozitament mir-Rikorrenti ghaliex in verità kienet u ghadha tali li tiskwalifikaha milli tkun eligibbli ghall-esenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi. Jigi osservat ukoll li ebda wiehed mid-dokumenti esebiti mir-Rikorrenti flimkien ma' l-applikazzjoni taghha in sodisfazzjon ta' dak prefiss fir-Regolament 4(5)(b) ta' l-Avviz Legali 196 ta' l-2009 ma juri li kien ghad kellha xi forma ta' konnessjoni mal-Germanja wara Dicembru 2010.

Ghalhekk jigi ribadit li r-Rikorrenti ma baqax ikollha r-residenza taghha barra minn Malta f'**Dicembru 2010** u ghalkemm applikat ghall-esenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi f'**Marzu 2011**, it-terminu ta' 24 xahar prefiss fir-Regolament 4(1)(b) ta' l-Avviz Legali 196 ta' l-2009 ghandu jigi kkonteggjat minn Dicembru 2010 u mhux minn Marzu 2011, bil-konsegwenza li bhala fatt ir-Rikorrenti ma tissodisfax il-kriterju prefiss fl-imsemmi Regolament ghall-fini li tinghata l-esenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi.

Minn dan kollu ghalhekk jirrizulta car li l-Appell tar-Rikorrenti mid-decizjoni tal-Ministru kjamat in kawza u notifikata lilha bl-ittra datata 29 ta' April 2011, ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Waqt it-trattazzjoni orali r-Rikorrenti appellat lit-Tribunal biex jaghmel rakkomandazzjoni lill-Ministru kjamat in kawza biex fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hija tinghata esenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura ta' l-ghamla BMW 187 bin-Numru ta' Registrazzjoni TR-AB 818. It-Tribunal ma jistax jakkorda t-talba tar-Rikorrenti ghar-raguni li ma huwiex kompitu tieghu li jaghmel dan it-tip ta' rakkomandazzjonijiet. Jekk ir-Rikorrenti jidhrilha li jista' hemm ragunijiet ohra ghalfejn ghandha tinghata din l-esenzjoni trid taghmel it-talba hi b'mod dirett lill-Ministru kjamat in kawza u mhux titlob *in extremis* l-intervent tat-Tribunal.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal filwaqt li jiddikjara li l-Awtorità intimata ma hijiex il-legittimu kontradittur tar-Rikorrenti f'dawn il-proceduri u ghalhekk jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, jichad l-Appell interpost mir-Rikorrenti mid-decizjoni tal-Ministru kjamat in kawza notifikata lilha bl-ittra datata 29 ta' April 2011.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk pertinenti ghall-Awtorità intimata, jibqghu a karigu tar-Rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------